# L-Isqof li daħħal il-Qima lejn San Gejtanu fil-Ħamrun

artiklu ta' Tony Terribile

Din is-sena, il-Parroċċa tal-Ħamrun qegħda tfakkar anniversarju speċjali marbut mal-mewt ta' San Gejtanu Thiene. Ħassejt li jkun xieraq li f'din l-okkażjoni inħarsu lejn dak il-bniedem li nissel fl-inħawi fejn illum hemm il-Ħamrun, il-qima lejn San Gejtanu. Dan ma kien ħadd ħlief l-Isqof Gejtanu Pace Forno.



Kwadru ieħor ta' l-Isqof Gejtanu Pace Forno

Twieled ir-Rabat Għawdex fil-5 ta' Settembru tas-sena 1807 u ġie mgħammed fil-Knisja Kolleġjata ta' San Ġorġ ta' dik il-belt. Missieru Franġisku kien avukat magħruf ħafna f'Għawdex u kien wieħed milli għen lil Arċipriet Cassar fir-rewwixta kontra l-Franċiżi. Ommu kienet nobbli minn Palermo, Lucija dei Baroni Forno.

It-tfulija tiegħu għaddiha f'Għawdex u meta kellu sitt snin il-gżejjer tagħna għaddew minn esperjenza qarsa ħafna meta l-pesta għamlet straġi u l-familja Pace Forno għenu ħafna lil dawk milquta. Gaetano kien tfajjel u aktar tard żgħażugħ mehdi fit-talb u fl-istudji u fil-bidu ta' l-1824 fl-età ta' 17-il sena, hu għamel talba lill-patrijiet agostinjani biex jingħaqad magħhom. Fil-25 ta'

**Il-kwadru titulari ta' San Gejtanu, xogħol il-pittur Taljan il-Kavallier Pietru Gagliardi, li kien tqabbad u tħallas mill-Isqof Gejtanu Pace Forno biex jagħmlu**



Awissu ta' l-istess sena libes l-abitu ta' Santu Wistin u sena wara intrabat bil-professjoni. Din wasslet biex ftit wara beda l-istudji fil-filosofija u fl-1828 beda l-kors teoloġiku.

L-agostinjani għarfu fih żgħażugħ intelliġenti ħafna u għalhekk bagħtuh ikompli jistudja f'Fermo fl-Italja u wara li bl-akbar suċċess temm l-istudji meħtieġa, nhar it-22 ta' Settembru tas-sena 1832, Gejtanu Pace Forno ġie ordnat saċerdot.

Il-kuntatt tiegħu mar-reliġjużi agostinjani barranin wassal biex il-kapitlu ġenerali ta' l-Ordni, ra fih reliġjuż eżemplari u studjuż profond u għalhekk żammewh l-Italja biex jgħallem lil studenti barranin. Dam disa' snin lettur magħruf ħafna fost l-istudenti.

Il-kapitlu ġenerali agostinjan baqa' jsegwieh mill-qrib u b'hekk sar magħruf aktar. Kien għalhekk li fl-1839 inħatar Diskriet ta' l-Ordni u sena wara Diskriet tal-Kapitlu Ġenerali.

Fl-1840 l-Agostinjani ta' Aquila sejħulu biex jgħinhom fil-formazzjoni skolastika ta' l-istudenti tagħhom, iżda sena wara hu ħalla Aquila billi l-patrijiet Maltin tawh il-kariga u r-responsabbiltà tal-formazzjoni skolastika ta' l-

**L-arma ta' l-Isqof Gejtanu Pace Forno skolpita fil-ġebla Maltija taħt il-kampnar tax-xellug mal-faċċata tal-Knisja Parrokjali ta' San Gejtanu ġewwa l-Ħamrun**



agostinjani futuri tal-provinċja. B'hekk reġa' ġie Malta.

Minkejja li Patri Pace Forno kien impenjat b'dan it-tagħlim kollu, hu nnifsu baqa' jistudja u jifforma ruħu akkademikament u dan wasslu biex fl-1 ta' April 1843 kiseb id-diploma ta' Majjistru tat-Teoloġija. Minn Malta issejjaħ biex jgħin lill-patrijiet ġewwa Palermo fit-tagħlim ta' l-istudenti tagħhom.

Fit-30 ta' Mejju 1847 ġie magħżul ministru provinċjal. Waħda mill-ħidmiet ewlenin li wettaq f'din il-kariga kienet ħidma b'riżq l-edukazzjoni tal-poplu Malti, fejn tliet xhur wara li laħaq provinċjal għamel talba lill-ġeneral ta' l-Ordni biex jiftaħ skola primarja bla ħlas fil-kunvent tal-Belt. Il-ġeneral qabel mal-proposta u fit-23 ta' Awissu 1848 din l-iskola laqgħet l-ewwel tfal li riedu jitgħallmu fiha.

Żgur li din l-iskola kienet opra kbira ta' Patri Gaetano Pace Forno għax ħaseb fl-edukazzjoni ta' ulied il-poplu meta l-edukazzjoni skolastika kienet meqjusa bħala privileġġ tan-nobbli u tas-sinjuri. Patri Pace Forno permezz ta' din l-iskola kisser dan il-privileġġ. Dam disa' snin imexxi u jieħu ħsieb l-edukazzjoni tat-tfal. Kien kapaċi għax kien umli u dak li kien jaf kien jgħaddih lil dawn it-tfal bl-aktar mod ħafif u prattiku.

Fit-2 ta' Diċembru 1854 miet għal għarrieda l-provinċjal ta' l-agostinjani Patri Ġwann Conti u l-patrijiet reġgħu għażlu lil Patri Gejtanu Pace Forno biex ikun il-mexxej tagħhom.

Is-sitwazzjoni f'Malta ta' dak iż-żmien kienet dik ta' art immexxija mill-Ingliżi (kienu ilhom kważi ħamsin sena), b'familji numerużi ħafna, b'faqar jinħass u b'epidemiji ifiġġu spiss u jħallu ħafna vittmi. Il-poplu kien kattoliku bis-serjetà iżda kien bla direzzjoni għaliex l-Isqof ta' Malta Publio Sant kien kbir fl-età u marid. L-awtoritajiet Vatikani għarfu dan u riedu jagħżlu Isqof. L-għażla waqgħet fuq Patri Gejtanu Pace Forno. Il-poplu feraħ b'din l-aħbar għaliex kien magħruf bħala reliġjuż eżemplari mimli kwalitajiet sbieħ.

Ġie kkonsagrat Isqof mill-Kardinal Patrizi fl-4 ta' Ottubru 1857 fil-knisja ta' Santu Wistin f'Ruma u fit-3 ta' Diċembru beda jmexxi l-Knisja f'Malta u f'Għawdex. Dam sbatax-il sena f'din il-kariga li matulhom hu wettaq riforma kbira qabel xejn fl-edukazzjoni tal-kleru. Qasam is-Seminarju fi tnejn, dak minuri u dak maġġuri. Fi żmienu, jiġifieri fl-1864, Għawdex inqata' mid-Djoċesi ta' Malta u fl-1870, l-Isqof Pace Forno ħa sehem fl-Ewwel Konċilju Vatikan.

Matul il-veskovat tiegħu inbnew u twaqqfu bosta knejjes u istituzzjonijiet fosthom il-knisja parrokjali tal-Ħamrun. Din il-knisja nistgħu inqisuha bħala l-monumenti ta' dan l-Isqof. Ġiet imsemmija għal Qaddis li jġib ismu. Għalhekk taħt il-kampnar tax-xellug naraw l-arma ta' l-Isqof Gejtanu Pace Forno skolpita fil-ġebla Maltija. Barra dan naraw ukoll l-arma tiegħu fil-kwadru titulari. Il-kappellun tal-lemin tal-knisja parrokjali tal-Ħamrun huwa ddedikat lil Madonna taċ-Ċintura, devozzjoni marbuta ma' l-Ordni Agostinjan. Żgur li dan twaqqaf bħala tifkira ta' dan l-Isqof agostinjan.

L-Isqof Gaetano Pace Forno miet f'daqqa waqt li kien fi triqtu lejn Ruma. Hu miet f'Napli (il-belt fejn miet ukoll San Gejtanu) nhar it-22 ta' Lulju 1874. Sena wara l-fdal tiegħu inġieb il-Kattidral ta' l-Imdina u indifen fil-kappellun ta' San Publiju.

***Din kienet il-ħarsa li dawn iż-żewġ kontributuri għaddewlna dwar l-Isqof Gejtanu Pace Forno, artikli mimlijin tagħrif tassew interessanti. Patri Serafin Borg fi tmiem tal-kitba tiegħu stieden lill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun biex jaħdem ħalli ġewwa l-Ħamrun tissemma' triq għal dan l-Isqof li tant rabat ismu mal-lokal tagħna. Minn naħa l-oħra Tony Terribile għalaq il-kitba tiegħu b'appell lill-Kappillan tal-Parroċċa biex il-pittura ta' dan l-Isqof fundatur tal-Knisja tagħna terġa' titwaħħal f'post prominenti fis-Sagristija tal-Parroċċa.***

**L-Editur**